# SAN GEJTANU FIL-BELT TA' L-IMDINA



John Micallef

Din is-sena, bħas-snin l-imgħoddija, sejrin niltaqgħu ma' San Gejtanu. Din id-darba fil-Belt qadima ta' Malta - Imdina.

**Il-Katidral ta' San Pawl - Mdina**

F'wieħed mill-altari tal-ġenb tal-Katidral ta' San Pawl l-Imdina, niltaqgħu ma' San Gejtanu li jinsab fit-tieni nava tal-lemin hekk kif tidħol mill-bieb prinċipali. L-altar ta' San Gejtanu twaqqaf bil-fondi tal-Kardinal Fabrizio Sciberras Testaferrata u l-familja Apap Bologna. Dan l-altar, li nbena fil-bidu tas-seklu 18, huwa rikk ħafna fl-irħam li għandu u huwa fost l-isbah li nsibu f'dan it-tempju. Il-pittura li hija ta' Mattia Preti jew skola tiegħu, hija dominata mill-Madonna tal-Pilar bil-Bambin li qed tippreżenta lil Binha lil San Gejtanu. Fuq ix-xellug tal-kwadru naraw lil San Filippu Neri. Kien hemm spekulazzjoni min seta' kien dan il-qaddis jekk hux San Nikola jew San Pubbliju, iżda il-Monsinjur u Professur Vinċenz Borg (li huwa ħabib tal-Mons. Mattew Chircop), aċċertani li dan hu San Filippu Neri. Fuq il-lemin fuq, naraw lil San Ġużepp li qiegħed imil fuq il-figura ta' San Gejtanu. Wara l-figura ta' San Gejtanu mbagħad naraw lil Gran Mastru Nikol Cotoner, li kien Gran Mastru ta' Malta bejn l-1663 u l-1680. Hawnhekk tajjeb wieħed isemmi li kważi ċert li bis-saħħa ta' dan il-Gran Mastru li daħlet id-devozzjoni lejn il-Qaddis tagħna f'Malta. Taħt dawn il-figuri nsibu dehra tal-Gżejjer Maltin. Hawnhekk, għal darb'oħra, qed naraw lill-Qaddis tagħna qed iħares lill-Gżejjer Maltin, bħal ma hu muri fil-knisja ta' San Pawl tal-Belt Valletta. F'din il-pittura wkoll naraw l-arma tal-familja Bologna li għandhom il-qabar f'din il-kappella.

**San Gejtanu fil-Mużew tal-Katidral ta' l-Imdina**

Fil-Mużew tal-Katidral ta' l-Imdina nsibu kwadru mdaqqas ta' San Gejtanu. F'dan il-kwadru naraw tlett kwarti tal-figura tal-Qaddis, bis-suttana, u madwar għonqu, liebes il-*Collar of the Order of the Golden Fleece* (ma stajtx naqlibha għall-Malti). San Gejtanu qed jurina ktieb b'idejh ix-xellugija. Kif nafu l-kitba kienet waħda mill-armi li l-Qaddis tagħna kien juża kontra l-ħażen u l-ereżijiet. Wara l-ktieb qed iżomm ukoll il-ġilju, simbolu tal-Purita'. Bl-id l-oħra mbagħad qed jurina l-messaġġ tal-ktieb. Il-pittura hija ta' skola Naplitana u saret għal ħabta tas-seklu 18.



Skond l-istoriku Antonio Espinosa Rodriguez, dan il-kwadru ġie misluf mill-Ġiżwiti. Il-kwadru huwa ta' daqs 99.5 x 74 ċentimetri u jinsab f'sala numru 9 ta' l-istess mużew.

**San Gejtanu fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu l-Imdina**

Kwadru antik tal-Qaddis tagħna bejn wieħed u ieħor ta' daqs 75 x 50 ċentimetri, jinsab fis-sagristija tal-knisja tal-Madonna tal-Karmnu. F'dan il-kwadru naraw lill-Qaddis bil-Bambin fuq dirgħajh. Din il-knisja hija sabiħa u miksija b'irħam aħmar, li nistqarr li qatt ma kont dħalt fiha. Meta tkellimt mal-Patri Karmelitan Sandro Vella qalli li jiddispjaċih li ma jistax itini nformazzjoni dwar dan il-kwadru li barra li hu antik ħafna, ilu ħafna fil-knisja wkoll. Iżda qalli li jaħseb li kien ingħata lill-knisja b'xi wegħda jew inkella b'rigal minn xi familja ta' l-Imdina. Dan għaliex hemm kwadru ieħor tad-daqs tiegħu bi gwarniċ identiku wkoll, n-naħa l-oħra tas-sagristija li jidher li hu ta' l-istess epoka.

